**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**KALKARA**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara**

**Is-8 LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 09/2020**

12 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1/ 2, Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, Kalkara, fid-9:00 ta' filgħodu.

## PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Vincent Bongailas - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Speranza Chricop - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

## ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Christopher Bruno, Kunsillier gie skuzat minhabba inpenji ohra

## ASSENTI:

## UFFIĊJAL PREŻENTI:

Elaine Caruana - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

### 9.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija

9.1.1 Is-Sur Chris Bruno talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet personali permess ta' email formali li ntbagħtet lis-Seg. Eżek nhar il-ġurnata tas-seduta stess.

### 9.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

9.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 8 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija

9.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sur Wayne Aquilina ssekondata mis-Sinjura Maria Sultana il-minuti ġew approvati unanimament

### 9.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

**9.3.A u B** Is-Sindku saħaq jgħid illi Triq Missjoni Taljana li hija triq prinċipali arterjali fil-lokal fil-preżent hija waħda perikoluża mmens iktar u iktar meta kulħadd jaf kemm tiġi ffrekwentata minn nies speċjalment in-naħa tal-ground tal-football meta fil-preżent m'hemm l-ebda tip ta' sigurta formali bħal forsi 'zebra crossing' bid-dawl, traffic lights u saħansitra anke speed camera tista' tkun ta' għajnuna biex wieħed jevita traċedja ovja.

Is-Sindku żied jgħid illi fil-jiem li ġejjin ser ikompli jew jibda l-proċessi neċessarji biex flimkien mal-awtoritajiet jiġu diskussi l-aħjar miżuri li wieħed jista' jieħu skond landament ta' din it-triq stess.

Is-Sinjura Speranza Chircop ġibdet l-attenzjoni fuq l-istess rigward fi Triq Marina minħabba l-ispeed eċċessiv li l-karozzi qed isuqu f'dawk l-inħawi. Is-Sindku qal illi minħabba n-natura tal-proġett ta' riġenerazzjoni wieħed għandu jistenna sakemm ikollna pjanti formali ta' kif it-triq ġejja wara l-proġett biex ma jieħdux miżuri li ikollom jinbidlu ftit tal-jiem wara minħabba dawn ix-xogħolijiet kbar li ser isiru.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi hemm bżonn li wieħed iżomm l-ordni fir-raħal tagħna biex jitnaqqsu dawn l-affarijiet u awtomatikament jitnaqqas il-periklu mit-toroq tal-Kalkara.

c Is-Sur Sindku nforma l-kunsill illi fil-futur qarib il-meter tad-dawl u l-ilma li hemm fil-latrina tal-bajja ta' Rinella ser ikun qed idur fuq il-proprjeta tal-kunsill dan wara laqgħa formali li kellu hu stess flimkien mas-Seg Eżek mas-Sur Ramon Deguara d-direttur ġenerali ta' Clean Malta. Is-Sindku informa lill-kunsill illi din hija kwistjoni ta' lokalitajiet oħra li għandom letrina pubblika b'assistenza minn din l-awtorita' u mhux biss fil-Kalkara. Fuq nota oħra l-istess Sur Deguara u anka hekk kif spjega s-Sur Sindku kkonferma illi l-assistent li jieħu ħsieb din il-latrina ser ikun qed jibqa' jagħti s-servizz tiegħu fil-ħinijiet stabbiliti tal-ftuh u għeluq ta' din l-istess latrina.

Wara diskussjoni mill-membri kollha tal-kunsill preżenti waqt din is-seduta, ħareġ il-fatt illi l-maġġoranza tal-membri ma jaqblux ma' din id-deċiżjoni minħabba l-fatt illi din il-latrina ma taqax taħt ir-responsabbilta' tal-kunsill u ġie mitlub li tintbgħat email formali lill-assoċjazzjoni tal-kunsilli lokali fuq dan ir-rigward għal gwida minn naħa tagħhom qabel wieħed jikkonferma minħabba l-istat finanzjarju tal-kunsill peress li din ser tkun piż ieħor miżjud mal-obbligi legali li diġa' għandu l-kunsill.

Is-Sur Vince Bongailas qal ukoll illi la darba wieħed ma jistax jagħmel mod ieħor hekk ħlief jieħu dawn il-kontijiet fuqu wieħed jista' jaħseb kif tista' tiġġenera income bħal pereżempju minn 'vending machine' fiż-żona biex tkopri imqar biċċa mill-ispejjeż ta' kontijiet. Is-Seg Eżek żiedet tgħid illi l-kunsill ma jistax jiġġenera flus minn dawn it-tip ta' affarijiet pero' ser tkun qed tiċċekja biex tikkonferma dan.

Is-Sindku għalaq din id-diskussjoni billi qal illi jkun hemm ħafna affarijiet li hu ma jaqbilx magħhom imma wieħed irid jieħu fil-konsiderazzjoni tiegħu ħafna affarijiet lil hinn mid-deċizjoni perse u wieħed irid ukoll jaħseb fis-servizzi kollha b'xejn li jingħata l-kunsill minn din l-istess awtorita' bla ebda ħlas b'xogħol impenjattiv u b'dedikazzjoni kbira.

D Is-Seg Eżek ippreżentat rapport finanzjaru datat sa nofs is-sena preparat minnha u mill-accountant tal-kunsill fejn dan ġie approvat mill-kunsill unanimament biex ikun jista' jittella online skond il-proċeduri kollha u hekk kif isir normalment.

E Ma kien hemm l-ebda punti ġenerali x'jiġu diskussi waqt din is-seduta

9.4 a Punt (8.3.c mill-minuti preċedenti) Is-Sindku kkonferma u għarraf il-kunsill illi wara laqgħa formali li saret fl-uffiċini tal-kunsill mar-resident ta' Triq it-Turetta / Triq Patri Mattew Sultana, il-kunsill ħa ħsieb flimkien mal-persuna legali li tirrappreżenta lill-istess kunsill jitfa' appell formali mal-awtorita' tal-ippjanar hekk kif diġa' kien ġie diskuss f'seduti preċedenti. L-appell ġie kkonfermat minn naħa tal-awtorita stess. Is-Sindku żied jgħid illi b'dan l-att il-kunsill wera l-preokupazzjonijiet tiegħu fuq dan l-iżvilupp. In-nies ukoll urew l-apprezzament hekk kif kien qed jiġi miktub fuq il-midja soċjali wkoll.

**9.5 a1** Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi l-kunsill għandu bżonn jiltaqa' mal-awtoritajiet ikkonċernati u jsir enfurzar kif imiss fiż-żona tax-Xewkija. Huwa saħaq illi s-sitwazzjoni fil-preżent hija waħda tal-biki bl-abbużi kollha li hemm. L-enfurzar li sar s'issa kien enfurzar imqanżah u li sa issa ma sewa għalxejn pjuttost is-sitwazzjoni qed tiggrava ġurnata b'ġurnata. Tajjeb li wieħed jieħu ħsieb iż-żona minn qabel ma jibda l-proġett ta' riġenerazzjoni biex in-nies li jagħmlu użu minn din iż-żona jkunu edukati għaliex imbagħad ikun tard wisq fil-fehma tiegħu. Huwa żied jgħid illi ż-żona trid tiġi wkoll enfurzata b'tabelli ċari fuq l-użu tagħha stess.

A2 Is-Sur Vince Bongailas qal illi huwa jixtieq b'mod volontarju ma' xi nies li forsi jkunu interessati jnaddfu l-bajja ta' Rinella mill-ġebel li hemm fuq ir-ramel għaliex l-ammont ta' lmenti li qiegħed jirċievi minn nies li jagħmlu użu mill-bajja.

Is-Sindku qal illi hu ma jsib l-ebda oġġezzjoni imma l-awtoritajiet dejjem gwidawh u nfurmawh illi iktar man-neħħu ġebel iktar ser jispicca fix-xejn ir-ramel allura b'din l-inizjattiva huwa naqra xettiku għaliex wisq jibża' li minflok ġid inkunu qiegħedin nagħmlu iktar ħsara.

A3 Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi hemm bżonn illi l-kunsill jerġa' jkellem il-kordinatur li qed jieħu ħsieb ix-xogħolijiet li qed isiru f'tarag San Ġużepp il-għaliex ix-xogħol reġa' waqaf u żgur li mhux ħa jkun lest sad-data li diġa' kienu tawna.

Is-Sinjura Maria Sultana żiedet tgħid illi l-kuntrattur li qed jaħdem hemmhekk informa n-nies illi hemm problemi finanzjarji u kien għalhekk li x-xogħol qed jaqa' lura.

Is-Sindku kkonferma illi ser ikun qed ikellem lill-persuna kkonċernati ħalli jara naqra kif inhu għaddej l-andament tax-xogħol u jekk dawn ix-xnijat ta' finanzi humiex veru jew le. Finalment is-Sindku żied jgħid illi dawn m'humiex affarijiet li l-kunsill għandu kontroll pero' aħna jinteressana biss li x-xogħol jitlesta mill-aktar fiss possibli.

a4 Is-Sur Vince Bongailas staqsa għalfejn is-'sea bin' għadu mhux qed jaħdem fl-istess ħin żied jgħid illi hemm persuna volontarja illi fil-preżent qed tiġbor il-ħmieġ li jidħol mill-baħar b'kop. Huwa qal ukoll illi d-dawl mgħoddi għal istess 'sea bin' għandu bżonn 'elbow' għaliex kif qiegħed il-wire tad-dawl qed jiġi maqrus fl-opinjoni tieghu.

Is-Sindku kkonferma illi fil-ġurnata stess ta' din is-seduta aktar tard għandu meeting formali on site man-nies ikkonċernati fuq is-Seabin fil-post stess biex finalment jinsab l-aħjar post biex jitweħħel kif ukoll jinġiebu l-permessi kollha neċessarji minn naħa tal-awtoritajiet biex kollox ikun konformi mal-liġi.

B1 Is-Sinjura Maria Sultana staqsiet jekk l-abbużi fil-bajja ta' Rinella humiex qed jiġu nnutati mill-cameras li tweħħlu mill-istess kunsill il-għaliex abbużi għadhom qed isiru kuljum. Is-Sindku saħaq illi billi hemm il-cameras ma jfissirx li l-abbużi ser jinqatgħu kollha u qatt m'hu ser ikun hemm żona perfetta pero' kkonferma illi l-cameras qed jigu monitored kontinwament min-naħa tal- LESA hekk kif kien ġie miftihem qabel ma tweħħlu l-cameras stess.

B2 Dan il-punt diġa' ġie diskuss f'din l-istess seduta aktar qabel.

B3 Is-Sinjura Maria Sultana ssuġeriet illi jekk dejjem hu possibli jiċċaqlaq minn fejn oriġinarjament ġie imweħħel. Is-Sindku reġa' qal illi dan il-punt diġa' ġie diskuss f'din is-seduta kif ukoll f'seduti preċedenti u ser ikun qed jiltaqa' ma min hu kkonċernat biex tiġi solvuta din il-kwitsjoni iktar tard illum.

C1 Is-Sinjura Speranza Chircop qalet illi hemm bżonn li wieħed jieħu ħsieb il-business cards tal-kunsilliera biex wieħed ikollu x'jagħti lin-nies meta jkun hemm bżonn hekk kif kien isir fi snin preċedenti.

C2 Is-Sinjura Chircop saħqet illi hemm bżonn li isir xi tip ta' traffic management bħal zebra crossing in-naħa ta' Santu Rokku fil-viċinanzi ta' ħanut tal-laħam partikolari dan wara ħafna lmenti li hi qiegħeda tirċievi minn residenti li jużaw dik iż-żona. Is-Seg Eżek qalet illi hemmhekk kien hemm disinn lest għal traffic management minn naħa ta' TM fis-snin li għaddew saħansitra kien hemm disinn ta' mini mountable roundabout. Ser tkun qiegħeda tintbgħat email ta' tfakkira fuq din il-kwistjoni peress illi sa issa kien għadu ma sar xejn mill-awtorita' ikkonċernata.

C3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-kunsill b'ħafna lmenti li hi kienet qiegħeda tirċievi rigward it-transport pubbliku , dan wara illi fil-ħinijiet ta' filgħaxija n-nies li jkunu ġejjin mill-isptar qiegħedin jitwaqqfu l-Isla u mhux qed jiġu mwassla sal-Kalkara kif ukoll hemm xi ħinijiet oħra illi m'humiex qed jiġu salvagwardjati mid-drivers stess.

Is-Sinjura Sultana qalet illi hija diġa' kienet qajmet dan il-punt f'seduta preċedenti u li sa issa ma tranġa xejn.

C4 Dan il-punt diġa' ġie diskuss f'din l-istess seduta aktar qabel

C5 .Is-Sinjura Chircop qalet illi hemm bżonn li wieħed jieħu ħsieb il-proċedura ta' kull sena biex tingħata l-vaċċin tal-influwenza lill-anzjani. Is-Seg Eżek qalet illi għadu naqra kmieni biex wieħed ikun jaf kif ser taħdem din il-biċċa tax-xogħol din is-sena minħabba raġunijiet ta' COVID 19. Irid wieħed jistenna d-direttiva biex bħala kunsill inkunu nafu kif ser inmexxu din is-sena.

D Dan il-punt ma ġiex diskuss minħabba li s-Sur Christopher Bruno ġie skużat għal din is-seduta.

**9.6 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti.**

**9.6.1** Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda kienet intbgħatet via email aktar kmieni din il-ġimgħa biex kull kunsillier ikollu ċans jagħtiha titwila kif suppost qabel japprova l-istess pagamenti .

**9.6.2** Fuq proposta tas-Sa. Maria Sultana ssekondata mis-Sur Vincent Bongailas, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inklużi fl-iskeda ta' ħlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A). 8.20

**9.7 Mozzjonijiet**

9.7.1 Ma kienx hemm

**9.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

9.8.1 Is-Seduta ntemmet fil-11:00 am. wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għas-16 ta' Settembru 2020 fid-9:00 am.

Konfermati, illum ________________________________

________________________

**Wayne Aquilina**
Sindku

________________________

**Elaine Caruana**
Segretarju Eżekuttiv